**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta'April 2021;**

**Rikors nru: 87/2021 AGV ;**
**AB**

**Vs**

**CDB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** datat 4 ta' Marzu 2021 fejn espona bir-rispett u kkonferma ;

1. Illi l-esponenti zzeweg lil CDB fis- 17 ta' Gunju 2011, liema zwieg gie registrat fir-registru Pubbliku u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg numru; 929/2011, hawn anness, u mmarkat Dok. A;

2. Illi l-partijiet ssperaw legalmet minn ma’ xulxin fit- 22 ta’ Jannar 2019 permezz ta’ kuntratt bonarju ta’ firda personali in atti tan-nutar Jean Carl Debono vera kopja tal-kuntratt qed tigi hawn unita, u mmarkata Dok B;
3. Illi fil-kuntratt tas-seperazzjoni personali, propju fil-klawzola numru tmintax tal-kuntratt de quo, il-partijiet reciprokament iddikjaraw li huma kienu ilhom de facto sseparati minn xulxin, sa mid-19 ta’ Frar 2017, b’ hekk skatta t-temrinu prefiss bil-ligi ghall-ottjeniment ta’ divorzju mertu tar-rikors;
4. Illi konsegwentament, u bit- trappas ta’ daz-zmien, mid-data tal-istess firda tal- partijiet, ma tezisti ebda possiblita’ ghal rikociljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi inoltre’ u minghajr peegudzzju ghas-suespost, il-partijiet kienu rrinzunjaw reciprokament ghall-manteniment minghand xulxin, (klawzola numru 4 tal-kuntratt tal- firda personali), kwindi ma tezisiti ebda lanjanza f’ da-sens bejn l-istess partijiet;
6. Illi mil-imsemmi zwieg il-partijiet kellhom zewgg itfal, EB li twieled fl-14 ta’ Jannar 2013 u FB li twieled fit-22 ta’ April 2017;
7. Illi r-rikorrenti jiddikara sollenament illi huwa dejjem onora l-hlas tal-manteniment ghal uliedu, kif debitament huwa obligat li jaghmel fil-kuntratt tas-seperazzjoni personali, fi klawzola 6(iii) u (iv) tal-istess kuntratt, kwindi ma tezisti ebda raguni ghal kontestazzjoni f’ dar-rigward;
8. Illi in vista ta’ dan premess, indubbjament jikkonkorru l-kritjeri kollha rikjesti mil-ligi, ghall-hall taz-zwieg u ghall-ottjeniment tad-divorzju.

**Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;**

a. Tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CDB datata 12 ta' April 2021 fejn esponiet;**

i. Illi hija mhux qed topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti u cioe' li l-Qorti tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet pero' dana skont s-segwenti;
ii. Li kundizzjonijiet u termini fil-kuntratt tas-separazzjoni jibqaghu validi u vigenti skont a tenur tal-artikolu 17 tal-istess kuntratt ta' seperazzjoni;
iii. Li l-ispejjez tal-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;
iv. U li l-esponenti skont klawsola 16 tibqa' izzomm kunjomha ta' mizzewwga u cjoe B.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

L-esponenti CDB ghandha tibqa' izzomm kunjomha ta' mizzewwga u cjoe' 'B'.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**